

32005D0117

9.2.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 36/11

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Frar 2005

dwar it-komplija fis-sena 2005 ta' provi u testijiet komparattivi tal-Komunità fuq materjal ta' propagazzjoni u ta' tħawwil tal-*Prunus domestica* skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE mibdija fl-2003

(2005/117/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE tat-28 ta' April 1992 dwar it-tqegħid fis-suq ta' materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti u l-pjanti tal-frott, maħsuba għall-produzzjoni tal-frott ⁽¹⁾

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/745/KE tal-5 ta' Settembru 2002 li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u testijiet komparattivi tal-Komunità fuq il-materjal ta' propagazzjoni u t-tħawwil ta' pjanti tal-frott skond id-direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni 2002/745/KE tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u t-testijiet komparattivi li għandhom jitwettqu skond id-Direttiva 92/34/KEE fir-rigward tal-*Prunus domestica* mill-2003 sa l-2007.

- (2) It-testijiet u l-provi mwettqa fl-2003 u l-2004 għandhom jissoktaw fl-2005,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-provi u t-testijiet komparattivi tal-Komunità li bdew fl-2003 fuq il-materjal ta' propagazzjoni u t-tħawwil tal-*Prunus domestica* għandu jissokta fl-2005 b'konformità mad-Deċiżjoni 2002/745/KE.

Magħmula fi Brussell, fit-8 ta' Frar 2005.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 157, ta' l-10.6.1992, p. 10. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/111/KE (ĠU L 311, 27.11.2003, p. 12).

⁽²⁾ ĠU L 240, tas-7.9.2002, p. 65.